MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1720/2003

**Maltacom plc**

**Vs**

**Anna Faniello**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Settembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm954.12 (disa` mija erbgha u hamsin Lira Maltin u tnax-il centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ (Lm954.12) disgha mija erbgha u hamsin Lira Maltin u tnax-il centezmu, liema ammont huwa dovut in-konnessjoni mas-servizz telefoniku 21447980 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B)

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi fl-ewwel lok il-konvenuta teccepixxi li s-socjeta` attrici Maltacom plc trid tipprova li hija s-successur legali ta' Telemalta Corporation u dan a bazi tad-dokument A ezebit fl-atti ta' dan l-Avviz;
2. Illi fit-tieni lok u in lienea preliminari dan l-avviz huwa nul u nvalidu skond il-ligi peress illi Anna Faniello hija legalment mizzewga lil Vincenzo sive Enzo Faniello, cittadin Taljan, purche` tinsab fi proceduri ta' firda legali ma l-istess zewgha li huwa assenti mill-gzejjer Maltin u li l-lokalita` fejn qed jghix ghad illi maghrufa li tinsab x'imkien fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-istess konvenuta martu din ma tafx fejn hi preciz, imma l-kawza kellha ssir fir-rigward ta' Vincenzo sive Enzo Faniello u Anna Faniello martu u fic-cirkostanzi s-socjeta` attrici kellha tirregola ruhha skond il-ligi f'dan ir-rigward, kwindi l-eccezzjoni ta' nullita`, u nvalidita` tal-avviz odjern skond il-ligi;
3. Illi fil-25 ta' Frar 1986, Anna Faniello li kienet gja` mizzewga lil Vincenzo sive Enzo Faniello lanqas biss kienet fil-gzejjer Maltin u ghalhekk huwa impossibli li l-firma li tidher fuq id-dokument A ta' 'Anna Faniello' kienet il-firma tal-konvenuta kif tirrizulta fl-avviz odjern 1720/03 JB;
4. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenuta tiddikjara fic-cirkostanzi li l-firma "Anna Faniello" fid-dokument A ma hijiex il-firma taghha bhala konvenuta kif tidher fl-okkju tal-avviz odjern;
5. Ill in linea preliminari wkoll, il-konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni tat-talba attrici peress illi d-data tal-ahhar kont qabzet aktar minn sentejn u dan a bazi ta' l-artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li tippreskrivi "action of the Government of Malta for the payment of Judicial fees, custom or other dues", u stante

li t-Telemalta Corporation fl-elf disa` mija sitta u tmenin (1986) kienet tappartjeni lil Gvern ta' Malta, allura l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi ta' l-artikolu citat, u dan minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet ohra in linea preliminari diga sollevati;
6. Illi fil-mertu u bhala stat ta' fatt, Anna Faniello ilh ma tabita` f'Casa Faniello, Triq it-Tragun, gewwa Qormi, ghal aktar minn tmien (8) snin, u effettivament f'dan iz-zmien dejjem ghixet fil-fond fl-avviz u cioe` 'Lomond', Appartament numru 1, Triq l-Istamnar gewwa San Pawl il-Bahar, u kwindi ma setghet qatt minghajr pregudizzju u ghal grazzja tal-argument kienet il-konvenuta responsabbli ghal kont indikat fid-dokument B anness mac-citazzjoni odjerna;
7. Salvi eccezzjonijiet ohra ultejuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ra l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku a Fol 21 sa 26.

Ikkonsidra:

Jirrizulta illi ai termini tal-istess rapport, il-firma tal-konvenuta ma tirrispekkjax dik prodotti fuq il-kuntratt datat 25 ta' Frar 1986 a Fol 2 tal-process. Dana apparti, kif gie riferut mill-istess perit tekniku, lanqas ma jinkwadra ruhu n-numru tal-karta ta' identita.

In vista li l-kawza attrici hija bbazata fuq dan l-istess kuntratt, dana mhux ezegwibbli.

Fic-cirkostanzi, jichad it-talbiet attrici, jilqa t-tielet u r-raba` eccezzjonijiet bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------